Art. 244 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 32**
**Rikors Guramentat Numru : 1018/2015/LSO**

**Mohamed Sami Al Jallad u Rachel Al Jallad**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-attur Sami Mohamed Al Jallad et datat 27 ta’ Ottubru 2015 fejn espona: -

Illi isem l-attrici huwa 'RACHEL' kif jidher mic-certifikat tat-twelid, mill-karta tal-identita`, mill-passaport Malti u mill-passport Amerikan taghha, li kollha qed jigu annessi u mmarkati bhala Dokumenti RR1 sa RR4 rispettivament;

Illi in oltre konjum l-attrici xebba huwa 'ATTARD' u dana peress li hija bint Antonio Attard u Victoria nee' Attard kif jidher mic-certifikat tat-twelid taghha anness bhala Dokument 'RR 1’ u mic-certifikat tat-twelid ta' missierha Antonio Attard li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument 'RR5';

Illi fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti kif irregistrat fir-Registru Pubbliku b'registrazzjoni numru 1580 tal-2015 li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument 'RR6' isem l-attrici gie miktub bhala 'RACHIL ANTONIO' u konjomha xebba gie miktub bhal 'ATTARDI’ meta fil-fatt isimha u konjumha xebba huma 'RACHEL ATTARD';

Illi in oltre' fuq l-istess certifikat taz-zwieg taghhom kunjum missier l-attrici gie mnizzel bhala 'ATTARDI’ meta fil-fatt konjum missierha huwa 'ATTARD' kif jidher mid-dokumenti annessi;

Illi barra minn hekk isem l-attur huwa 'MOHAMED SAMI' filwaqt li konjumu huwa 'Al JALLAD' kif jidher mic-certifikat tat-twelid, mill-passaport Amerikan u mid-*driving licence* tieghu li qed jigu annessi u mmarkati bhala Dokumenti 'RR7' sa 'RR9' rispettivament;

Illi fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti kif irregistrat fir-Registru Pubbliku b'registrazzjoni numru 1580 tal-2015 li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument 'RR6' isem u konjum l-attur gie miktub bhala 'MOHAMED SAMY MOHAMED WAGIH JALLAD' meta fil-fatt ismu u kunjomu huma 'MOHAMED SAMI AL JALLAD';

Illi r-rikorrenti jixtiequ jikkoregu dawn l-izbalji billi isem u konjum xebba tal-attrici u konjum missier l-attrici ikunu miktubin bl-istess mod kif inhuma f' kull dokument pubbliku. Ghaldaqstant ir-rikorrent qeghdin jitolbu bir-rispett lil din il-Qorti Onorabbli joghgobha prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tawtorizza l-korrezzjoni u r-registrazzjoni fic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru 1580 tal-2015 skont il-provedimenti tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili, sabiex fil-kolonna *Isem u kunjom* isem u kunjom l-attrici jinkiteb **RACHEL ATTARD**, u fil-kolonna *Genituri tal-mizzewgin* konjum missier l-attrici jinbidel ghal **ATTARD**;
2. Tawtorizza l-korrezzjoni u r-registrazzjoni fic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru 1580 tal-2015 skont il-provedimenti tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili, sabiex fil-kolonna *Isem u kunjom* isem u kunjom l-attur jinkitbu **MOHAMED SAMI AL JALLAD**;
3. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att taz-zwieg taghhom bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f' kull att ta' l-istat civili relattiv tal-mittenti, jekk ikun il-kaz u dan skont l-artiklu 253 (3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut huwa minn issa mharrek sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 11 ta' Jannar 2016 (fol 29) fejn gie eccepit:

1. Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi preliminarjament, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jeċċepixxi illi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta mhuwiex il-leġittimu kontradittur *stante* li ż-żwieġ in kwistjoni ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex;

3. Illi bla ħsara għas-suespost u *in linea* preliminari ukoll, l-esponent jirrileva li din l-azzjoni hija nulla *stante* li l-ġurament ma ngħatax minn persuna parti mill-kawża odjerna. Magħdud ma' dan jidher ukoll, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent, illi hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha, Dr Angele Formosa ġiet maħtura sabiex tidher għan-nom tal-parti Rachel Al Jallad;

4. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jirrileva illi ċ-ċertifikat taż-żwieġ in kwistjoni, li jġib in-numru ta' iskrizzjoni elf, ħames mija u tmenin (1580) tas-sena

elfejn u ħmistax (2015) [*kopja oriġinali ta' dan iċ-ċertifikat huwa hawn anness u mmarkat bħala 'Dok DRP 1'*] jirrifletti d-dettalji ta' żwieġ barrani li kien seħħ fit-Tripoli u li wara kien ġie rreġistrat hawn Malta. Illi għaldaqstant sabiex tali żwieġ kien ġie reġistrat hawn Malta, ir-rikorrenti kellhom jissottomettu dawn id-dokumenti elenkati, abbażi ta' liema dokumenti kienet saret ir-reġistrazzjoni taż-żwieġ tar-rikorrenti hawn Malta:

i) Iċ-ċertifikat taż-żwieġ oriġinali maħruġ mill-awtoritajiet tat-Tripoli, li huwa miktub bil-lingwa Għarbija kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bħala '*Dok DRP 2'*;

ii) Traduzzjoni taċ-ċertifikat taż-żwieġ oriġinali maħruġ mill-awtoritajiet tat-Tripoli, anness u mmarkat bħala '*Dok DRP 3*';

iii) Dokument sabiex jikkonferma ċ-ċittadinanza Maltija ta' waħda mill-partijiet *stante* li dan huwa rekwiżit sabiex jkun jista' jiġi reġistrat żwieġ barrani f'Malta, anness u mmarkat bħala *'Dok DRP 4'*;

5. Illi bla preġudizzju, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li jiġi sottomess illi jekk jirriżulta illi hemm xi żball fuq l-Att taż-Żwieġ in kwistjoni, dan mhux b'nuqqas tal-esponent, *stante* li r-Reġistru Pubbliku rreġistra l-Att taż-Żwieġ maħruġ mill-awtoritajiet Libjani, wara li r-rikorrenti stess ipprovdew traduzzjoni ta' l-istess Att. Illi d-dokument ta' traduzzjoni provdut, anness u mmarkat bħala '*Dok DRP 3',* jipprovdi illi l-kunjom tal-attriċi xebba huwa '*Attardi*', filwaqt li l-isem l-attur huwa indikat bħala '*Mohamed Samy Mohamed Wagih*'. Illi b'hekk l-esponent m'għandux jinżamm

responsabbli ta' din l-azzjoni odjerna, *stante* l-fatt li ma sar l-ebda żball li jista' jkun attribwit lill-esponent. Illi l-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku niżlu biss *verbatim* l-informazzjoni kif tinsab inserita fit-traduzzjoni li kien ġie ppreżentat mir-rikorrenti stess, u għaldaqstant l-esponent m'għandux ibati l-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

6. Illi mingħajr preġudizzju, t-tielet talba tar-rikorrenti ma tistax tiġi milqugħa *stante* l-**Artikolu 253 (3**) **tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jippermetti sabiex l-annotazzjoni awtorizzata tiġi riflessa ukoll f'kull att tal-istat ċivili relattiv, japplika biss f'każ illi l-bdil jsir *ai termini* tal- **Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. B'hekk il-korrezzjonijiet rikjesti, għandhom jiġu indikati individwalment abbażi tal-**Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

7. Illi inoltre, bla preġudizzju, fit-talbiet tagħhom r-rikorrenti ma talbux sabiex din l-Onorabbli Qorti **tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija mitluba** mir-rikorrenti fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv. L-esponent umilment jirrileva illi huwa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li huwa vestit bis-setgħa li jirreġistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Ċivili *a tenur* ta' l-**Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Għaldaqstant it-talbiet kif postulati mir-rikorrenti ma jitlobu l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi għalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti f'dan ir-rigward għandhom isiru b'mod li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija rikjesta fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrenti;

8. Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

9. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 21 ta' Jannar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza l-attur u d-difensur tieghu msejhin tliet darbiet ma dehrux. Dehret Dr Ariana Falzon ghad-Direttur Intimat li rtirat it-tieni (2) eccezzjoni billi jirrizulta li l-att in mertu gie registrat hawn Malta. Rifferibbilment ghat-tielet (3) eccezzjoni irrilevat li fl-intestatura tar-rikors guramentat hemm biss l-isem ta' Dr Angele Formosa, u mhux tal-persuna li ha l-gurament. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tar-rikorrenti premezz ta' affidavit, kif ukoll tirregola ruhha dwar dak ivverbalizzat f' dan il-verbal ghat-18 ta' Frar 2016 fid-9:30a.m.; u l-verbal tas-7 ta' April 2016 fejn meta issejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr Angela Formosa u r-rikorrenti msejhin tliet darbiet ma dehrux. Il-Qorti rat il-verbal tal-ahhar seduta u ddeferxxiet il-kawza *Sine Die;*

Rat ir-rikors ta' l-attur datata 16 ta' Mejju 2016 a fol 43 tal-process fejn umilment talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza fl-ismijiet indikati billi tpoggiha fuq il-lista tal-kawzi; u l-Qorti taqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-7 ta' Lulju 2016, kif jidher a fol 44 bid-digriet tas-17 ta' Mejju 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 20 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat li rrimettiet ruhha ghall-provi salv ghall-eccezzjoni dwar il-kap tal-ispejjez. Dehret Dr Maxilene Pace ghar-rikorrenti li assoccjat ruhha fil-patrocinju tal-istess u ddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Novembru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta saret debitament fit-30 ta' Ottubru 2015 (fol 24) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Referibbilment ghat-tieni eccezzjoni, din giet irtirata mid-Direttur intimat fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2016 (fol 40), ghalhekk, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Referibbilment ghat-tielet eccezzjoni, gie rilevat li fl-intestatura tar-rikors guramentat hemm biss l-isem ta' Dr. Angele Formosa, u mhux tal-persuna li ha l-gurament (fol 40). Ghalhekk, intalbet korrezzjoni f'dan is-sens minn Dr. Angele Formosa, u giet ordnata l-korrezzjoni awtorizzata permezz ta' digriet tas-7 ta' Lulju 2016 (fol 46), b'hekk it-tielet eccezzjoni hija wkoll sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-isem u l-kunjom ta' xebba tar-rikorrenti, "Rachil Antonio Attardi" jigi sostitwit b' "Rachel Attard", fic-certifikat taz-zwieg li gie registrat hawn Malta. Fl-istess rikors qed jintalab li fic-certifikat taz-zwieg registrat f'Malta, isem ir-rikorrent jigi sostitwit b' "Mohamed Sami Al Jallad" minflok "Mohamed Samy Mohamed Wagih Jallad".

Illi din hija registrazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi:

*"**244**. (1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku ikun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-Gzejjer bl-istess mod*

*bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha ghall-finijiet tar-registrazzjoni tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.*"

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott att ufficjali redatt f'pajjiz iehor b'lingwa li mhix wahda fost dawk ufficjali ta' pajjizna, d-dettalji mnizzla fl-Atti f' Malta jittiehdu minn traduzzjoni mahruga minn dak il-pajjiz. Ghalkemm din it-traduzzjoni tkun wahda ufficjali, mhuwiex eskluz li mhix wahda akkurata.

Ghandu jinghad li din il-Qorti qed tirriskontra wisq kazijiet fejn isiru zbalji fit-traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghall-Ingliz fl-atti mahruga mill-Awtoritajiet Libjani, u wiehed ghandu jistaqsi jekk hux il-kaz li d-Dipartimenti Maltin jimpjegaw tradutturi ufficjali sabiex jaghmlu verifika akkurata tat-traduzzjoni ufficjali. B'hekk, jigu evitati kawzi fejn isiru talbiet ghall-korrezzjoni ta' certifikat ta' stat civili anke snin wara li l-persuna kkoncernata tkun ghexet f'pajjizna, hadmet, izzewget, kellha t-tfal, ghamlet atti ta' hajja civili, u dan kollu taht isem u kunjom differenti minn dak veritjer.

Difatti, l-intimat nizzel l-ismijiet skont id-dokumenti li nghataw lid-Dipartiment, li gew esebiti bhala **Dok DRP2** (fol 35), c-certifikat taz-zwieg originali mahrug mill-awtoritajiet fi Tripli, **Dok DRP3** (fol 36), it-traduzzjoni tac-certifikat taz-zwieg kif mahruga mill-awtoritajiet ta' Tripli.

Ghalhekk, referibbilment ghall-kap tal-ispejjez, ser tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat in kwantu r-rikorrenti ma rnexxielhomx jippruvaw li l-izball kien dovut ghal ghemil tal-istess intimat. Ghalhekk, l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez.

Izda, fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hi fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identitia` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Illi fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti **Dok RR1** (fol 5), hija mnizzla bhala Rachel Attard, u dan huwa wkoll rifless fil-karta tal-identita` taghha u fil-passaport Malti (fol 6-7). Jirrizulta li fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent Dok RR7 (fol 12) huwa mnizzel bhala "Mohamed Sami Al Jallad", u dan hu rifless ukoll fil-passaport Amerikan tieghu u fil-licenzja tas-sewqan fl-Amerika (esebiti a fol 14-15).

Ghaldaqstant, ser tilqa' t-talba *stante* c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ikkonsidrat li l-ommissjoni ta' talba *ad hoc* sabiex l-ordni ssir lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ggibx in-nullita` jew l-irritwalita` tal-att u, fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar recenti, il-Qorti ghandha fejn tista' ssewwi zbalji f'atti gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza. [1]

Hu evidenti, li l-Qorti meta tilqa' t-talbiet bhal dawk odjerni, ghandha tipprocedi biex taghti l-ordni lill-intimat jaghmel il-korrezzjoni mehtiega altrimenti d-decizjoni taghha tibqa'

[1] Ara ad ez. Vol ." (Vol XXXIII pI p666)"; **Maltacom plc v Angelo Schembri** Qorti tal-Appelli Ċivili (Inferjuri) 16 ta' Diċembru 2002 (Imħallef P. Sciberras; **Salvatore Bugeja et v Maria Stella sive Stella Cini et** - AC- 30.5.2014

minghajr effett. B'hekk din l-eccezzjoni tal-intimat, hija wkoll sorvolata.

Inoltre, din il-Qorti ser tillimita t-talba ghall-att mertu tal-kaz odjern, billi l-procedura odjerna ma tikkontemplax tibdiliet f'atti ufficjali ohra. *Di piu`*, b'referenza ghat-tielet talba tar-rikorrenti, din il-Qorti ma tistax tilqa' talba hekk generika, minghajr indikazzjoni ta' l-atti l-ohra tal-istat civili li fihom qed tintalab il-korrezzjoni.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad ir-rimanenti eccezzjonijiet tal-intimat sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza, tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg numru 1580 tal-2015, billi fil-kolonna *Isem u kunjom,* isem u kunjom l-attrici jinkiteb **RACHEL ATTARD**, minnflok 'RACHIL ANTONIO ATTARDI u fil-kolonna *Genituri tal-mizzewgin* kunjom missier l-attrici jinbidel ghal **ATTARD** minnflok Attardi;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg numru 1580 tal-2015, billi fil-kolonna *Isem u kunjom,* l-isem u kunjom l-attur jinkitbu "**Mohamed Sami Al Jallad"** minnflok "Mohamed Samy Mohamed Wagih Jallad" .

3. Tichad it-tielet talba ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**24 ta' Novembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Novembru 2016**